28 ta' Awissu, 1951

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Neg. George E. Camilleri ne. *versus* Joseph Mamo, ne.**

**Lokazzjoni d'Opera — Bejgħ — Kriterju Distintiv — Riskju — Każ Fortuwitu — Forza Maġġuri — Art. 1751 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-kriterju biex wieħed jiddistingwi bejn kuntratt ta' lokazzjoni d'opera u kuntratt ta' bejgħ huwa dak li wieħed iħares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti: jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn obligazzjoni "di fare", il-kuntratt huwa ta' lokazzjoni d'opera; mentri jekk huma jkunu ħarsu prinċipalment lejn obligazzjoni "di dare", il-kuntratt huwa ta' bejgħ.*

*Għaldaqstant min ikollu l-ħsieb li jakkwista ħaġa li għad trid tinħadem, l-operazzjoni hija ta' bejgħ, għax l-obligazzjoni prinċipali hija dik "di dare".*

*Jekk il-ħaġa, meta tkun lesta, għandha ssir il-prova tagħha, jekk mhux bi ftehim espress, almenu skond l-użu, ir-riskju tagħha ma jgħaddix fuq ix-xerrej qabel ma ssir dik il-prova. Dan hu minnu, però, kemm il-darba ma jkunx hemm dewmien fil-prova bi ħtija tax-xerrej; għax jekk il-prova ddum ma ssir bi ħtija tax-xerrej, allura r-riskju jgħaddi fuqu.*

*Jekk imbagħad il-ħaġa ssofri ħsara minħabba każ fortuwitu jew forza maġġuri, dik il-ħsara jsofriha d-"dominus"; imma jekk il-każ fortuwitu jkun preċedut minn ħtija tal-parti l-oħra, il-ħsara tiġi sofferta minn parti jew mill-oħra, kollha jew f'biċċa, skond iċ-ċirkustanzi tal-każ.*

Il-Qorti — L-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenut nomine sabiex iħallas lilu s-somma ta' £628. 14. 0, bilanċ ta' £1628. 14. 0, għal forniment u tqegħid ta' installazzjoni elettrika "neon" u aċċessorji skond il-kont hawn anness (Dok. A), bl-interessi kummerċjali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 1946, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

*Omissis;*

Il-provi peritali wrew illi mill-punto di vista elettriku x-xogħol sar sewwa;

Mill-punto di vista mekkaniku, però, il-perizja sabet (fol. 154) illi, minflok fuq virgi ċatti, is-"signs" kien imisshom tqiegħdu fuq virgi angolati, jew alternativament kien imisshom twaħħlu sewwa mal-ħitan permezz ta' "brackets" qrib xulxin, jew ta' "brackets" fit-tarf tal-virġi ċatti tal-ħadid li qegħdin iżommu l-ittri, stante l-pożizzjoni esposta għall-maltempati prevalenti mill-grigal. Intant ġara li għall-ħabta ta' Frar 1949 saret grigalata qawwija fuq Malta, li fiha l-veloċità tar-riħ laħqet il-75 mil fis-siegħa (fol. 148), u biha ġiet kaġunata ħsara għall-installazzjoni;

Jinqalgħet, għalhekk, il-kwistjoni jekk ir-riskju, skond il-liġi, kienx għadda f'dik id-data minn fuq l-attur nomine. Dan iċċita, fol. 127, l-art. 1731 Kap. 23, li japplika għall-kuntratt ta' "locatio operis". Il-Qorti però tirritjeni li l-kuntratt ma kienx tali, imma kien ta' kompro-vendita. Għalkemm hemm diversi teoriji fid-dottrina, tidher però prevalenti, u aktar konvinċenti, it-teorija illi wieħed għandu jħares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti, u illi, jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obligazzoni "di fare", allura l-kuntratt huwa ta' "locatio operis", mentri jekk ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obligazzjoni "di dare", il-kuntratt hu ta' bejgħ. Kif jgħid opportunament ir-Ricci (Corso Teor. Prat. Dto. Civ., Vol. VIII, paġ. 402) "...........se il contratto abbia per suo elemento l'acquisto di una cosa, quand'anche la medesima non dovesse essere consegnata se non dopo di aver subìto un ordinario processo per cui una determinata qualità, onde in commercio venga pure specialmente designata, quando trattasi veramente di dare, piuttosto che di fare, allora si avrà una compra-vendita........." Issa, f'dan il-każ, ma hemmx dubju illi l-konvenut ried jakkwista l-"opus conficiendum", u l-obligazzjoni prevalenti kienet "di dare". Għalhekk dan il-kuntratt kien ta' bejgħ;

Issa, peress li f'dan il-każ, kif ma jidherx kuntrastat, avvolja mhux bi ftehim espress, almenu skond l-użu, kellha ssir il-prova, għalhekk ir-riskju ma kienx jgħaddi fuq il-konvenut qabel din il-prova, ammenokkè però ma kienx hemm dewmien imputabili lill-konvenut;

Issa, dan kien preċiżament il-każ. Meta l-installazzjoni tlestiet f'Novembru 1948, ma setgħetx tiġi ttestjata bħala ħaġa kompluta, għal żewġ raġunijiet li l-provi juru li huma addebi-

tabili lill-konvenut: waħda, għax hu dejjem insista li l-prova ssir fil-preżenza tiegħu biss, mentri kien assenti mill-Gżira, u l-konvenut qatt ma awtorizza lil ħadd biex jissostitwieh għall-finijiet ta' dan it-test, lanqas lill-amministratur ġenerali tiegħu; u t-tieni, għax kien il-konvenut li naqas milli jipprovdi, kif kien pattwit, ħażna ta' kurrent "at the main point of connection" fuq il-bejt tal-post;

Kosikkè r-riskju għadda fuqu, minħabba dan id-dewmien, u kien fuqu meta saret il-grigalata fuq imsemmija;

B'dana kollu, però, jekk, malgrado dan, għall-ħsara ("circuits" miksura u ittri nieqsa), li vverifikat ruħha in segwitu għall-grigalata fuq imsemmija, ikkontribwixxa wkoll id-difett mekkaniku fl-installazzjoni (nuqqas ta' fermezza fis-"signs"), allura l-konsegwenzi ma għandhomx jaqgħu interament fuq il-konvenut; għax hu prinċipju, mhux dubitat, illi l-każ fortuwitu jew "vis major" jikkolpixxi lid-"dominus" kwante volte mhux preċedut bi ħtija ta' ħadd ieħor; għaliex allura l-fortuwitu jkun "culpa determinatus", "in toto" jew in parti skond il-każ;

F'dan il-każ il-periti (fol. 155) bir-raġun kollu ma jistgħux jgħidu b'ċertezza kemm mill-ħsara hi dovuta għall-maltempata, u kwindi soffribili mill-konvenut, u kemm min-nuqqas ta' fermezza tas-"signs" li taggrava fuq l-attur nomine, u dehrilhom li diskrezzjonalment din il-ħsara tista' tiġi ripartita binnofs. Il-Qorti taqbel ma' l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba, u tikkundanna lill-konvenut nomine li jħallas lill-attur nomine s-somma mitluba. Il-konvenut, però, mhux obligat iħallas qabel ma l-attur nomine jsewwi a spejjeż tiegħu definitivament id-difett mekkaniku msemmi fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu (19), fol. 155, taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Arthur S. Mortimer, u wara dikjarazzjoni bil-miktub ta' dan il-perit, inseribili fil-proċess, li x-xogħol sar għas-soddisfazzjon tiegħu, u qabel ma jkunu saru, ukoll taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit, u wara dikjarazzjoni bil-miktub tiegħu, similment inseribili fil-proċess, li saru għas-soddisfazzjon tiegħu r-riparazzjonijiet u l-bdil imsemmijin fis-subparagrafu (ii) ta' l-imsemmi paragrafu (19), fol. 155, liema

riparazzjonijiet u bdil għandhom isiru provvizorjament għas-spejjeż ta' l-attur nomine, salv li jirripeti mill-konvenut nofs l-ispiża, kif ċertifikata mill-istess perit b'dikjarazzjoni bil-miktub, inseribili fil-proċess. Id-dikjarazzjonijiet tal-perit jistgħu jkunu nkorporati f'dikjarazzjoni waħda li tikkomprendi kollox;

Il-lukri kummerċjali jgħaddu minn mindu jitlesta x-xogħol kollu, u l-perit għandu, fid-dikjarazzjoni tiegħu, jispeċifika d-data tat-tmiem tax-xogħol;

L-ispejjeż kollha, inklużi dawk in konnessjoni ma' l-inkariku issa mogħti lill-perit fuq imsemmi, jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.